



Kunsill Ewropew

Brussell, 20 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

EUCO XT 20014/17

BXT 76
CO EUR 21
CONCL 6

NOTA TA' TRASMISSJONI

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (20 ta' Ottubru 2017) - Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew¹ fil-laqgħa ta' hawn fuq.

¹ Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li hienegħ m'għandux jiehū sehem fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew fid-deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Fid-dawl tal-ewwel ħames ċikli ta' negozjati, filwaqt li jieħu kont tal-valutazzjoni ppreżentata min-negozjatur tal-Unjoni u filwaqt li jafferma mill-ġdid il-linji gwida tiegħu tad-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew:
 - jilqa' l-progress li sar rigward id-*drittijiet taċ-ċittadini* u jistieden lin-negozjatur biex jibni fuq il-konverġenza miksuba sabiex jipprovdi ċ-ċertezza legali u l-garanziji meħtieġa għaċ-ċittadini kkonċernati kollha u l-membri tal-familja tagħhom li għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw direttament id-drittijiet tagħhom derivati mil-liġi tal-UE u protetti mill-ftehim ta' ħruġ, inkluż permezz ta' proċeduri amministrattivi sempliċi u bla xkiel u r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
 - jirrikonoxxi li, fir-rigward tal-*Irlanda*, sar xi progress fuq il-konverġenza dwar prinċipji u objettivi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira u ż-żamma taż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar, u jistieden lin-negozjatur tal-Unjoni biex ikompli jaħdem għall-irfinar ulterjuri ta' dawn il-prinċipji, filwaqt li jieħu kont tal-isfida kbira ħafna li jirrappreżenta l-ħruġ tar-Renju Unit, inkluż rigward l-evitar ta' fruntiera fiżika, u għalhekk jistenna li r-Renju Unit jippreżenta u jimpenja ruħu għal soluzzjonijiet flessibbli u immaġinattivi ġustifikati mis-sitwazzjoni unika tal-Irlanda;
 - jinnota li, waqt li r-Renju Unit iddikjara li ser jonora l-*obbligi finanzjarji* tiegħu li ħa matul is-sħubija tiegħu, dan għandu ma ssarrafx f'impenn sod u konkret mir-Renju Unit li jagħmel tajjeb għal dawn l-obbligi kollha.
2. Waqt li jibni fuq dan il-progress, il-Kunsill Ewropew jappella biex tissokta l-ħidma bil-ħsieb tal-konsolidazzjoni tal-konverġenza miksuba u t-tkomplija tan-negozjati sabiex ikun possibbli li ngħaddu għat-tieni fażi tan-negozjati kemm jista' jkun malajr.

3. Fis-sessjoni li jmiss tiegħu f'Diċembru, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' jivvaluta l-progress fin-negozjati bil-ħsieb li jiddetermina jekk sarx progress suffiċjenti fuq kull waħda mit-tliet kwistjonijiet ta' hawn fuq. Jekk dan ikun il-każ, huwa ser jadotta linji gwida addizzjonali b'rabta mal-qafas għar-relazzjoni futura u dwar arranġamenti transizzjonali possibbli li jkunu fl-interess tal-Unjoni u f'konformità mal-kondizzjonijiet u l-prinċipji fundamentali tal-linji gwida tad-29 ta' April 2017. F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill (Art. 50) flimkien man-negozjatur tal-Unjoni biex jibdew diskussjonijiet interni ta' tħejjija.
-